MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## AUDREY DEMICOLI

Seduta tas-7 ta' Novembru, 2003

Talba Numru. 1220/2003

**Vodafone Malta Limited**

**vs**

**John Pullicino**

**It-Tribunal,**
Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fid-19 ta' Gunju 2003 fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' mija u hamsa u erbghin lira Maltin u sitta u tletin centezmu (Lm145.36) rapprezentanti hlas ghal servizzi rezi mis-socjeta' attrici lill-konvenut in konnessjoni ma mobile phone bin-numru 99477809.
Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-Mandat ta' Sekwestru prezentat kontestwalment mal-Avviz u bl-interessi mid-data meta l-ammont pretiz kien dovut sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenut.

Ra r-Risposta prezentata mill-konvenut fejn huwa eccepixxa li t-talbiet attrici kif dedotti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u dan kif ser jirrrizulta ahjar fis-smiegh u trattazzjoni tal-kaz.
Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Ra li fis-seduta tas-16 ta' Settembru 2003 il-kawza giet differita ghas-6 ta''Ottubru 2003 ghall-provi kollha tal-partijiet.

Ra li fis-seduta tas-6 ta' Ottubru 2003 deher biss ir-rapprezentant tas-socjeta' attrici li prezenta d-dokumenti esebiti a fol. 10 et. Seq. u ddikjara li s-socjeta' attrici kienet ghalqet il-provi.

Ra li f'din l-ahhar seduta il-konvenut ma deherx u ma ressaqx provi u l-kawza giet differita ghall-llum ghas-sentenza.

Ra li s-socjeta' attrici rnexxielha tipprova soddisfacentement it-talba taghha permezz tad-dokumenti minnha esebiti liema provi ma gew kontradetti bl-ebda mod mill-konvenut u li dan tal-ahhar naqas ukoll milli jressaq provi in sostenn tal-eccezzjonijiet minnu sollevati.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' mija u hamsa u erbghin lira Maltin u sitta u tletin centezmu (Lm145.36), bl-imghax legali pagabbli mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta' din l-istanza, nkluzi dawk tal-Mandat ta' Sekwestru prezentat kontestwalment mal-Avviz, jithallsu nterament mill-konvenut skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------